



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' Jannar 2024
(OR. en)

5311/24

COHOM 4
COPS 6
CONUN 8
COASI 5
MAMA 9
COEST 26
COAFR 12
DEVGEN 5
CFSP/PESC 46

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	22 ta' Jannar 2024
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	ST 5220 2023 INIT
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Prijoritajiet tal-UE fil-Fora tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-2024

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Prijoritajiet tal-UE fil-Fora tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-2024, approvati mill-Kunsill fl-4001 laqgħa tiegħu li saret fit-22 ta' Jannar 2024.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Prijoritajiet tal-UE fil-Fora tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-2024

1. **Id-drittijiet tal-bniedem huma universali, indiviżibbli, interdipendenti u interrelatati, kemm jekk ikunu ċivili, kulturali, ekonomiċi, politiċi jew soċjali.** L-UE ġġedded l-impenn tagħha għad-drittijiet tal-bniedem fl-ambjent internazzjonali attwali mimli tensjoni kkaratterizzat miż-żieda f'konflitti armati, awtoritarjaniżmu, diżinformazzjoni, u spinta kontra l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.
2. Fis-sena **tas-Summit tal-Futur**, l-UE ser tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha għal multilateraliżmu effettiv, b'tisħiħ ulterjuri tas-sistema tad-drittijiet tal-bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti, inkluż l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR). L-UE tappella lill-istati kollha biex jirrispettaw l-indipendenza tal-OHCHR u biex jikkooperaw bis-siġħ mal-Kummissarju Għoli u l-Uffiċċju tiegħu filwaqt li jiżguraw il-finanzjament adegwat tiegħu. Id-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri għandhom jiġu integrati fil-Patt għall-Futur kollu, li għandu jibni fuq l-interkonnessjoni bejn id-drittijiet tal-bniedem, il-paċi u s-sigurtà u l-iżvilupp sostenibbli. L-integrazzjoni ta' dimensjoni b'saħħha tad-drittijiet tal-bniedem fil-Patt għall-Futur u t-tnejniet għas-Summit tal-Futur, u l-proċess komplementari tal-implimentazzjoni tal-**Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli** huwa fattur kruċjali biex ħadd ma jitħalla barra.

3. L-UE ser tkompli taħdem fuq it-tisħiħ tar-rispett, il-protezzjoni, u r-realizzazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u ser tkompli tikkoopera mar-reġjuni kollha tad-dinja, l-organizzazzjonijiet u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet. Ser tkompli tappella lill-istati kollha biex jinvolvu ruħhom bis-sħiħ fis-**sistema tad-drittijiet tal-bniedem tan-NU**, inkluż il-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-mekkaniżmi tiegħu, bħall-Proċeduri Speċjali u l-Eżami Perjodiku Universali, il-korpi investigattivi b'mandat min-NU u l-Korpi tat-Trattati. L-UE ser tkompli wkoll tappella lill-istati kollha biex jirrispettaw id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u biex jagħtu aċċess mingħajr kundizzjonijiet u mingħajr xkiel mill-mekkaniżmi ta' monitoraġġ tad-Drittijiet tal-Bniedem u tan-NU fit-territorji tagħhom.
4. L-UE tafferma mill-ġdid l-impenn b'saħħtu tagħha li tirrispetta, tipproteġi u tirrealizza d-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali (**ESCR**) kollha, inkluż id-dritt għall-edukazzjoni, l-ikel, is-saħħa, is-sigurtà soċjali, l-akkomodazzjoni xierqa u x-xogħol deċenti, u li tappoġġa l-inizjattivi rilevanti f'dan ir-rigward. Ser tkompli tappoġġa l-aċċess universali għal ilma tax-xorb sikur, suffiċjenti u affordabbli, għas-sanità u l-iġjene, u tenfasizza d-dimensjoni tad-drittijiet tal-bniedem f'dawk l-oqsma. Ser tinvolvi ruħha b'mod attiv f'diskussjonijiet li jsaħħu d-dritt tal-bniedem għal ambjent nadif, san u sostenibbli. Ser tkompli tippromwovi d-dritt għall-edukazzjoni, il-konfluwenza mal-aġenda diġitali, l-inklużjoni soċjali u diġitali, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet kollha, u n-nondiskriminazzjoni. L-UE ser tkompli tippromwovi d-drittijiet kulturali u l-protezzjoni tal-wirt kulturali.

5. L-UE ser taħdem biex tipprevjeni u ttemm il-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż billi tappoġġa inizzjattivi rilevanti fit-Tielet Kumitat tal-Assemblea Ġenerali tan-NU u l-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem. Ser tkompli tindirizza l-**akkontabbiltà** għall-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem kull fejn dawn jistgħu jseħħu. L-UE tibqa' impenjata li żżomm responsabbli lill-awturi kollha ta' delitti internazzjonali. Hija ser tafferma mill-ġdid l-appoġġ sod tagħha għas-sistema tal-ġustizzja kriminali internazzjonali u b'mod partikolari l-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI), u l-impenn tagħha li tirrispetta l-Istatut ta' Ruma u tippreserva l-indipendenza u l-integrità tal-QKI. Il-promozzjoni tal-akkontabbiltà kriminali hija vitali għall-ġlieda kontra l-impunità għal reati atroċi u biex issir ġustizzja għall-vittmi. Biex tinkiseb l-akkontabbiltà, l-UE ser titlob, jew tappoġġa talbiet minn oħrajn, għal investigazzjonijiet indipendenti ta' ksur u abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u l-ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali, inkluż dawk li jistgħu jitqiesu bħala delitti internazzjonali.
6. L-UE ser tkompli taqdi rwol ewlieni f'**inizzjattivi** rigward l-Afganistan, il-Belarusja, il-Burundi, l-Eritrea, l-Myanmar/Burma u r-RDPK. L-UE ser tkun lesta wkoll li twieġeb għal sitwazzjonijiet emerġenti ta' tħassib dwar id-drittijiet tal-bniedem li jistgħu jinqalgħu matul l-2024 u tinvolvi ruħha fihom. Fir-rigward tal-Etjopja, l-UE ser issegwi l-iżviluppi rigward il-Qafas ta' Politika dwar il-Ġustizzja Tranżizzjonali u l-implimentazzjoni tiegħu u tħeġġeġ biex il-politika futura tissodisfa l-istandards reġjonali u internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem. Ser issegwi mill-qrib l-inizzjattivi dwar il-Federazzjoni Russa, il-Georgia, inkluż is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-reġjuni Georgjani tal-Abkażja u l-Ossezja tan-Nofsinhar, il-Haiti, l-Iran, il-Jemen, il-Kambodja, il-Libja, il-Mali, in-Nikaragwa, it-territorju Palestinjan okkupat, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, is-Sirja, is-Somalja, is-Sri Lanka, is-Sudan, is-Sudan t'Isfel, it-territorji temporanjament okkupati tal-Ukrajna, inkluż ir-Repubblika Awtonoma tal-Krimea u l-belt ta' Sevastopol, u ser issegwi u tappoġġa l-isforzi lejn elezzjonijiet demokratiċi u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fil-Venezwela, inkluż il-ftehimiet iffirmati fil-Barbados u l-ħelsien ta' prigionieri politiċi. L-UE ser tinvolvi ruħha b'mod attiv fi **djalogi interattivi** ma' detenturi ta' mandati ta' proċeduri speċjali u f'dibattiti ġenerali biex tiġbed l-attenzjoni dwar ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem.

7. L-UE ser tikkundanna l-ksur u l-abbużi sistematiċi tad-drittijiet tal-bniedem fl-**Afganistan**, b'mod partikolari d-diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru mit-Taliban kontra n-nisa u l-bniet. Dan jinkludi ċ-ċaħda tad-dritt għall-edukazzjoni għal kulħadd, il-libertà tal-espressjoni, ta' moviment u tax-xogħol, il-limitazzjoni severa tal-parteeċipazzjoni tagħhom fil-ħajja pubblika u soċjali inkluż il-projbizzjoni fuq in-nisa li jaħdmu għall-NGOs u n-NU. L-UE ser tappella wkoll għall-protezzjoni tad-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi inkluż minoranzi etniċi u reliġjużi, bħall-Hazara, kif ukoll il-persuni LGBTI. L-UE ser tappoġġa l-Missjoni ta' Assistenza tan-Nazzjonijiet Uniti fl-Afganistan (UNAMA) taħt il-mandat komprensiv tagħha b'komponent qawwi tad-drittijiet tal-bniedem u l-mandat tar-Rapporteur Speċjali dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Afganistan, kif ukoll il-ħatra tal-Mibgħut Speċjali għall-Afganistan f'konformità mar-Riżoluzzjoni 2721 (2023) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Ser tkompli tissottolinja r-responsabbiltà tat-Taliban biex jiżgura r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u l-protezzjoni u t-twettiq tagħhom, u ser tisħaq fuq l-importanza tal-akkontabbiltà. Ser tappella lit-Taliban biex jirrispetta l-obbligi taħt is-CEDAW u s-CRC li għalihom l-Afganistan huwa wkoll parti.

8. L-UE ser tappella għal rikonċiljazzjoni paċifika u għall-istabbiliment mill-ġdid ta' perkors demokratiku fil-**Myanmar/Burma** u ser tappoġġa l-isforzi tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-ASEAN f'dan ir-rigward. Hija ser tappella għal koerenza akbar tal-pożizzjonijiet fis-sistema tan-NU, speċjalment permezz tas-simplifikazzjoni tal-azzjonijiet mid-diversi detenturi ta' mandati u aġenziji tan-NU fuq il-post. Ser tkompli tippromwovi l-ġustizzja u l-akkontabbiltà għall-ksur u l-abbużi kollha, u tappella għat-tmiem tal-atti kollha ta' vjolenza mir-reġim militari tal-Myanmar fil-pajjiż kollu, inkluż it-tmiem ta' attacchi mmirati fuq il-popolazzjoni ċivili u infrastruttura ċivili. Hija ser tappella għall-ħelsien mingħajr kundizzjonijiet u immedjat ta' dawk kollha detenuti b'mod arbitrarju, tikkundanna l-użu tal-piena tal-mewt, b'mod partikolari bħala konsegwenza tal-kolp ta' stat militari tal-2021 u tappella biex jerġa' jinbeda l-proċess demokratiku. Ser tkompli tesprimi l-appoġġ tagħha għall-poplu kollu tal-Myanmar/Burma, inkluż ir-Rohingya u minoranzi oħra. Ser titlob aċċess umanitarju sħiħ, sikur u mingħajr xkiel għall-persuni kollha fil-bżonn. L-UE ser tkompli tippromwovi r-ritorn sikur, sostenibbli, dinjituż u volontarju tar-refuġjati Rohingya lejn il-postijiet ta' oriġini tagħhom meta l-kundizzjonijiet jippermettu. L-UE ser tappoġġa l-mekkaniżmi ta' akkontabbiltà inkluż il-Mekkaniżmu ta' Investigazzjoni Indipendenti għall-Myanmar (IIMM).

9. L-UE ser tkompli tikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli l-gwerra ta' **aggressjoni** mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja **kontra l-Ukrajna** u l-ksur kontinwu min-naħa tar-Russja tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali fl-Ukrajna, inkluż detenzjonijiet arbitrarij, tortura, trattament ħażin, għajbien furzat u vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru. Ser ittenni l-appell urġenti tagħha lir-Russja u lill-Belarusja biex jiżguraw minnufih ir-ritorn sikur lejn l-Ukrajna tat-tfal u l-persuni ċivili Ukreni l-oħra kollha, deportati u trasferiti illegalment. L-UE thegġegħ aktar sforzi biex tiġi żgurata l-akkontabbiltà għad-delitti internazzjonali u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem kollha li jirriżultaw mill-gwerra ta' aggressjoni Russa, filwaqt li tisħaq li għandha tiġi żgurata r-responsabbiltà fl-aktar sens wiesa' tagħha, inkluż id-drittijiet tal-vittmi għall-ġustizzja u r-reparazzjonijiet, kif ukoll garanziji ta' nonripetizzjoni. L-UE thegġegħ aktar sforzi, anke fil-Grupp Prinċipali, biex jiġi stabbilit tribunal għall-prosekuzzjoni tad-delitt ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna li jgawdi l-akbar appoġġ u leġittimità transreġjonali, u mekkaniżmu futur ta' kumpens; huwa jtenni l-appoġġ tiegħu għar-Reġistru tad-Danni Kkawżati mill-Aggressjoni tal-Federazzjoni Russa Kontra l-Ukrajna tal-Kunsill tal-Ewropa, bħala l-ewwel pass tanġibbli f'din id-direzzjoni. Hija tissottolinja l-appoġġ tagħha għall-investigazzjonijiet mill-Prosekutur tal-Qorti Kriminali Internazzjonali u t-tiġdid tal-mandat tal-Kummissjoni ta' Inkjesta dwar l-Ukrajna mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem. L-UE ser titlob li r-Russja twaqqaf l-aggressjoni tagħha, tirtira l-forzi kollha u t-tagħmir militari kollu mit-territorju kollu tal-Ukrajna immedjatament, kompletament u mingħajr kundizzjonijiet u tirrispetta bis-sħiħ is-sovranià, l-indipendenza u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fi ħdan il-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment.

10. L-UE ser tappella lir-**RDPK** biex tindirizza s-sejbiet tal-Kummissjoni ta' Inkjesta tal-2014 dwar il-ksur u l-abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem tagħha, u biex tinvolve ruħha b'mod sinifikanti fis-sistema tad-drittijiet tal-bniedem tan-NU, fid-dawl tar-rieżami tal-EPU li jmiss tagħha. L-UE ser tkompli tappella lir-RDPK biex taċċetta offerti ta' djalogu u biex terġa' tinvolve ruħha mal-komunità internazzjonali inkluż permezz tar-ritorn ta' persunal diplomatiku u umanitarju fir-RDPK. Hija ser thegħeġ lir-RDPK biex tirrispetta, tipproteġi u tirrealizza d-drittijiet tal-bniedem u ssolvi l-kwistjoni tal-ħtif immedjatament.

11. Fir-rigward ta' **Iżrael u t-territorju Palestinjan okkupat**, l-UE tikkundanna bil-qawwa l-attakki terroristiċi brutali u indiskriminati mill-Hamas f'Iżrael fis-7 ta' Ottubru, li kienu jinkludu vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru. L-UE tfakkar fid-dritt ta' Iżrael li jiddefendi lilu nnifsu u tissottolinja li dan għandu jiġi eżerċitat f'konformità mad-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser tkompli ssegwi mill-qrib s-sitwazzjoni f'Gaża u tappella għar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li tissottolinja l-obbligu li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili kollha f'kull ħin f'konformità mad-dritt umanitarju internazzjonali. Inħeġġu lil kull naħa tirrispetta d-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali, u ninnotaw li jrid ikun hemm akkontabbiltà għall-ksur tad-dritt internazzjonali. Filwaqt li ttenni l-aktar tħassib serju tagħha għas-sitwazzjoni umanitarja li qed tiddeterjora f'Gaża, l-UE ser tappella għal aċċess u għajjnuna umanitarja kontinwi, rapidi, sikuri u mingħajr xkiel biex jintlaħqu dawk fil-bżonn permezz tal-miżuri kollha meħtieġa, inkluż permezz ta' riżorsi akbar fil-qsim tal-fruntieri u permezz ta' rotta marittima ddedikata, u li jkunu inklużi wkoll kurituri umanitarji u waqfiet għall-ħtiġijiet umanitarji, filwaqt li jiġi żgurat li tali għajjnuna ma tiġix abbużata minn organizzazzjonijiet terroristiċi. L-UE ser tkompli tappella lill-Hamas biex jeħles minnufih l-ostaġġi kollha mingħajr ebda prekundizzjoni, filwaqt li tinnota li l-użu ta' persuni ċivili bħala tarki umani mill-Hamas huwa atrocità partikolarment deplorable. Il-ħidma tal-aġenziji tan-NU trid tiġi ffaċilitata, u l-persunal tan-NU u dak umanitarju jridu jiġu protetti. Il-ġurnalisti m'għandhomx jiġu attakkati. L-UE ser tappella għall-protezzjoni tal-infrastruttura ċivili kollha, inkluż il-faċilitajiet mediċi, l-iskejjel u l-bini tan-NU, kif ukoll infrastruttura oħra maħsuba biex tiffaċilita t-twassil ta' assistenza umanitarja. L-UE tikkundanna bil-qawwa l-vjolenza mill-insedjamenti u tappella għal akkontabbiltà. L-insedjamenti huma illegali skont id-dritt internazzjonali. Iżrael għandu jwaqqaf l-espansjoni tal-insedjamenti, jipprevjeni l-vjolenza mill-insedjamenti u jiżgura li l-awturi jinżammu responsabbli. L-UE ser tappella għal kollaborazzjoni mal-mekkaniżmi kollha tan-NU. L-UE hija lesta tikkontribwixxi biex jerġa' jitqajjem proċess politiku abbażi tas-soluzzjoni ta' żewġ stati, inkluż permezz tal-Isforz ta' Jum il-Paċi, u tilqa' l-inizjattivi diplomatiċi għall-paċi u s-sigurtà u tappoġġa l-organizzazzjoni ta' konferenza internazzjonali dwar il-paċi dalwaqt.

12. L-UE ser tkompli tissorvelja u tikkundanna r-repressjonijiet interni sistematiċi u li qed jintensifikaw kontra s-soċjetà ċivili u l-gruppi stigmatizzati, inkluż persuni LGBTI, fil-**Federazzjoni Russa**. L-UE tikkundanna l-għeluq effettiv tal-ispazju ċiviku, it-trażżin tad-dissens pubbliku, tal-oppożizzjoni politika u tal-media indipendenti, in-nuqqas ta' indipendenza tal-ġudikatura u l-garanziji ta' proċess ġust, l-użu tat-tortura u t-trattament ħażin, u d-detenzjoni arbitrarja. Hija ser tkompli thegġegħ lir-Russja biex tikkoopera bis-sħiħ mal-mekkaniżmi ta' monitoraġġ tad-drittijiet tal-bniedem internazzjonali u reġjonali kollha u mal-Proċeduri Speċjali kollha relatati mas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Federazzjoni Russa. L-UE ser tappella lir-Russja biex teħles lill-priġunieri politiċi kollha.
13. L-UE ser tkompli tikkundanna bil-qawwa l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-**Belarussja**, filwaqt li tfakkar li l-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem irrapporta li għadu qed jitwettaq ksur sistematiku, mifrux u gravi tad-drittijiet tal-bniedem fil-Belarussja. Skont il-Kummissarju Għoli, xi wħud minn dan il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem jista' jammonta għal delitti kontra l-umanità. L-UE ser thegġegħ lill-awtoritajiet Belarussi biex iwaqqfu r-repressjoni interna tagħhom u biex immedjatament u mingħajr kundizzjonijiet jeħilsu u jirriabilitaw il-priġunieri politiċi kollha. L-UE ser tkompli thegġegħ lill-awtoritajiet Belarussi jikkooperaw bis-sħiħ mal-mekkaniżmi ta' monitoraġġ internazzjonali u reġjonali tad-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser thegġegħ lill-awtoritajiet Belarussi biex iwaqqfu l-involviment tagħhom fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u biex iwaqqfu l-istrumentalizzazzjoni tal-migranti għal skopijiet politiċi. L-UE ser taħdem biex tiżgura li s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem li qed tiddeterjora fil-Belarussja tibqa' fuq quddiem fl-aġenda tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem.

14. L-UE ser titlob biex jintemm il-ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali u l-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem mill-partijiet kollha fil-konflitt fis-Sirja, b'mod partikolari mir-reġim u l-alleati tiegħu, u ttenni li l-partijiet kollha responsabbli għal ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali u ksur u abbużi tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, għandhom jinżammu responsabbli. L-UE ser ittenni li aċċess sikur, sħiħ, mingħajr xkiel u sostnut għall-organizzazzjonijiet umanitarji huwa imperattiv, inkluż għal postijiet ta' konfinament jew detenzjoni. L-UE ser tesprimi l-appoġġ kontinwu tagħha għall-Kummissjoni Internazzjonali Indipendenti ta' Inkjesta (CoI) u l-Mekkaniżmu Internazzjonali, Imparzzjali u Indipendenti (IIIM) u ser ittenni l-appell tagħha biex is-sitwazzjoni fis-Sirja tiġi riferuta lill-Qorti Kriminali Internazzjonali. L-UE tilqa' l-ħolqien tal-Istituzzjoni Indipendenti dwar Persuni Nieqsa fir-Repubblika Għarbija Sirjana u tinsab lesta li tappoġġa din l-istituzzjoni l-għdida. L-UE ser tinnota li l-kundizzjonijiet għar-ritorn volontarju, sikur u dinjituż tar-refuġjati Sirjani, kif definiti mill-UNHCR, bħalissa mhumiex fis-seħħ. L-unika perkors lejn paċi sostenibbli għas-Sirja hija soluzzjoni politika f'konformità mal-UNSCR 2254.
15. L-UE ser tkompli tikkundanna l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran u thegġegħ lill-awtoritajiet **Iranjani** biex jiddefendu d-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari d-drittijiet tan-nisa u l-bniet u d-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi reliġjużi u etniċi, il-libertà ta' opinjoni u espressjoni, il-libertà ta' reliġjon jew twemmin, u d-dritt ta' għaqda paċifika. L-UE ser tappella lill-gvern Iranjan biex iwaqqaf l-eżekuzzjonijiet u jsegwi politika konsistenti lejn l-abolizzjoni tal-piena kapitali u biex jikkoopera bis-sħiħ mal-mekkaniżmi tan-NU għall-akkontabbiltà għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u b'mod partikolari l-Missjoni Indipendenti ta' Tiftix tal-Fatti stabbilita mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem. Ser thegġegħ ukoll il-ħelsien tal-individwi kollha detenuti b'mod arbitrarju, inkluż ċittadini barranin u dawk b'ċittadinanza doppja, u tipprovdi proċess dovut lid-detenuti kollha.

16. L-UE ser tikkundanna l-ksur u l-abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem fis-Sudan, inkluż il-bosta rapporti ta' vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru kif ukoll il-ksur tad-drittijiet tat-tfal. L-UE hija mħassba ħafna dwar ir-rapporti ta' vjolenza tal-massa kontra persuni ċivili u tindif etniku speċjalment fid-Darfur tal-Punent kif ukoll dwar l-ġhadd kbir ta' persuni fil-bżonn ta' assistenza umanitarja u persuni spostati internament. L-UE ser tappella lill-partijiet kollha fil-konflitt biex jiddefendu u jirrispettaw l-obbligi tagħhom skont id-dritt umanitarju internazzjonali u jwaqqfu l-attakki fuq l-infrastruttura ċivili u jiggarrantixxu aċċess umanitarju mingħajr restrizzjonijiet, f'waqt u sikur fil-pajjiż kollu. Ser itteni l-ħtieġa ta' akkontabbiltà għall-awturi kollha ta' reati sabiex jinkiser iċ-ċiklu ta' impunità. L-UE ser tappoġġa l-ħidma tal-QKI u tan-NU, inkluż permezz tal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-mibgħut personali tas-SĠ tan-NU li għadu kif inħatar għas-Sudan u tappella lis-Sudan biex jikkoopera mal-mandati tal-Espert Indipendenti maħtur fis-Sudan kif ukoll il-Missjoni Internazzjonali Indipendenti ta' Ġbir ta' Informazzjoni dwar il-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż.

17. L-UE ser tkompli ttenni t-tħassib serju tagħha dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem **fiċ-Ċina**, inkluż fit-Tibet, il-Mongolja Interna, Hong Kong u Xinjiang. L-UE ser tkompli tħeġġeġ liċ-Ċina biex tikkoopera b'mod effettiv mal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli, u mal-mekkaniżmi internazzjonali kollha tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż lejn l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet inklużi fir-rapport ta' valutazzjoni dwar it-tħassib dwar id-drittijiet tal-bniedem fix-Xinjiang. L-UE ser tkompli tagħti attenzjoni partikolari lit-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem u l-eżerċizzju tal-libertajiet fundamentali, b'mod partikolari tal-opinjoni u l-espressjoni, tal-assoċjazzjoni u l-għaqda paċifika, tal-libertà ta' reliġjon jew twemmin, kif ukoll lill-protezzjoni tad-drittijiet tan-nisa u l-bniet, lill-preservazzjoni tal-identità kulturali u lit-tmim tal-użu tax-xogħol furzat u tal-kampijiet ta' riedukazzjoni mhux l-inqas fid-dawl tal-Eżami Perjodiku Universali taċ-Ċina. L-UE ser tkompli tissorvelja mill-qrib każijiet individwali ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem inkluż dawk involuti f'mekkaniżmi tan-NU. Ser tħeġġeġ liċ-Ċina biex tirrispetta, tipproteġi u tissodisfa d-drittijiet tal-bniedem għal kulħadd, inkluż l-Ujguri, it-Tibetani u persuni li jappartjenu għal minoranzi etniċi, reliġjużi u lingwistiċi. L-UE ser tħeġġeġ lill-Gvern Ċiniż u lill-awtoritajiet ta' Hong Kong biex jerġgħu jistabbilixxu r-rispett sħiħ għall-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, u ser ittenni t-tħassib tagħha dwar it-twettiq miċ-Ċina tal-impenji preċedenti tagħha relatati ma' Hong Kong. L-UE tinsab lesta li taħdem maċ-Ċina, fejn ikun possibbli, u b'rispett sħiħ għad-drittijiet universali tal-bniedem, pereżempju fuq kwistjonijiet bħad-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali f'fora multilaterali.
18. L-UE ser tissottolinja l-appoġġ bla heda tiegħu għall-promozzjoni ta' paċi sostenibbli u dejjiema bejn l-Armenja u l-Ażerbajġan ibbażata fuq il-prinċipji tar-rikonoxximent tas-sovranià, l-invjolabbiltà tal-fruntieri u l-integrità territorjali. L-UE ser tenfasizza l-importanza li jiġu żgurati d-drittijiet u s-sigurtà tal-**Armeni ta' Karabakh**, kif ukoll li jinħolqu l-kundizzjonijiet għar-ritorn volontarju, sikur, dinjituż u sostenibbli tar-refuġjati u l-persuni spostati lejn Nagorno-Karabakh, b'mod partikolari d-dritt tagħhom li jgħixu fi djarhom b'dinjità, mingħajr intimidazzjoni jew diskriminazzjoni. Barra minn hekk, il-wirt kulturali u d-drittijiet ta' proprjetà tal-popolazzjoni lokali jeħtieġ li jiġu protetti u garantiti b'mod effettiv.

19. Barra minn hekk, it-Turkija, bħala pajjiż kandidat tal-UE u membru għal bosta snin tal-Kunsill tal-Ewropa, hija mistennija taderixxi mal-impenji rispettivi tagħha.
20. Rigward il-**prijoritajiet tematiċi**, l-UE ser tkompli topponi bil-qawwa l-**piena tal-mewt** fil-każijiet kollha u fiċ-ċirkostanzi kollha u ser tippromwovi r-ratifika ulterjuri tat-Tieni Protokoll Fakultattiv għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR), adottat 35 sena ilu. L-UE ser tappella lill-pajjiżi kollha li fadal li għadhom japplikaw il-piena tal-mewt biex jabolixxuha, jew iżommu jew jintroduċu moratorju bħala l-ewwel pass lejn l-abolizzjoni. L-UE ser thegġegħ lill-istati fejn hemm fis-seħħ moratorju biex jabolixxu l-piena tal-mewt bil-liġi. L-UE ser timpenja ruħha kmieni bil-ħsieb li tibni appoġġ għall-għaxar riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar il-Moratorju fuq l-użu tal-piena tal-mewt, f'konformità mal-impenn inekwivoku tagħha lejn l-abolizzjoni.
21. Fil-kuntest tal-40 anniversarju tal-Konvenzjoni kontra t-Tortura, l-UE ser tkompli tikkundanna l-użu tat-**tortura** u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra madwar id-dinja u ser titkellem kontra arresti u detenzjonijiet arbitrari. Ser ittenni t-talba tagħha għar-ratifika ġenerali u l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura u l-Protokoll Fakultattiv tagħha. L-UE ser tkompli tippromwovi l-Alleanza Dinjija għal Kummerċ Liberu mit-Torturi u ser tikkunsidra passi ulterjuri biex tipprojbixxi l-kummerċ ta' oġġetti użati għall-piena kapitali u t-tortura.

22. L-UE ser tkun qed tistieden lill-istati kollha madwar id-dinja biex jiżguraw il-funzjonament tajjeb tal-istituzzjonijiet demokratiċi, ir-rispett għall-istat tad-dritt u l-prinċipji ta' governanza tajba, soċjetajiet inklużivi, l-indipendenza tal-ġudikatura, u biex jiġġieldu kontra l-impunità u l-korruzzjoni. Il-korruzzjoni tfixxkel ir-realizzazzjoni u t-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem kollha, u teqred id-demokrazija, il-fiduċja fl-istituzzjonijiet u l-istat tad-dritt.
23. L-UE ser tafferma mill-ġdid l-impenn b'saħħtu tagħha għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-dritt għal-**libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin** għall-individwi kollha madwar id-dinja. L-UE ser tippromwovi u tipproteġi d-dritt ta' kull individwu li jkollu jew ma jkollux reliġjon jew twemmin, li juri jew li jbidel ir-reliġjon jew it-tweemmin tiegħu, filwaqt li tikkundanna l-kriminalizzazzjoni tal-apostażija u l-abbuż tal-liġijiet dwar il-blasfemija. L-UE ser tikkundanna d-diskriminazzjoni, l-intolleranza, il-vjolenza, u l-persekuzzjoni abbażi ta' reliġjon jew ta' twemmin, u tiċħad kwalunkwe forma ta' inċitament għal mibegħda reliġjuża.
24. L-UE ser issaħħaħ l-appoġġ tagħha biex tiddefendi d-dritt għal-**libertà ta' opinjoni u espressjoni** kemm online kif ukoll offline. Hija ser tibqa' determinata fl-appoġġ tagħha għal-libertà tal-media u fil-kundanna tal-fastidju, it-theddid u l-attakki kontra ġurnalisti, bloggers u ħaddiema oħra tal-media. L-UE ser tkompli twissi dwar iż-żieda fil-kontroll tal-istat fuq l-ispazju online, u tiġġieled b'mod proattiv il-manipulazzjoni tal-informazzjoni minn barranin u ser tippromwovi l-integrità tal-informazzjoni fil-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni. L-UE ser tkompli taħdem biex tiddefendi l-**libertà akkademika** u biex tipproteġi lill-membri tal-komunità akkademika f'riskju. L-UE ser tkompli tipproteġi u tippromwovi d-dritt għal-**libertà ta' għaqda paċifika u ta' assoċjazzjoni** u ser tkompli tikkundanna l-intimidazzjoni, it-theddid u l-vjolenza kontra dimostranti paċifiċi.

25. L-UE ser tippromwovi b'mod attiv id-drittijiet universali tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, l-istat tad-dritt u l-prinċipji demokratiċi għall-iżvilupp, l-użu u l-governanza tat-**teknoloġiji diġitali**, inkluż l-Intelliġenza Artifiċjali (IA), l-internet u l-ispazji diġitali, f'konformità mal-approċċ tagħha għat-teknoloġiji diġitali ċċentrat fuq il-bniedem u bbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem u abbażi tal-ħidma tagħha lejn regolamentazzjoni tal-IA adatta għall-iskop tagħha. L-UE ser tippromwovi diżinn, żvilupp, varar, evalwazzjoni u użu responsabbli, sikur u affidabbli tal-IA f'konformità mad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, u ser tkompli tiġbed l-attenzjoni għall-impatt tal-għeluq tal-internet, iċ-ċensura online u s-sorveljanza online illegali. L-UE ser tkompli tappella għall-protezzjoni tal-ispazju ċiviku online, biex tissaħħaħ il-protezzjoni tad-data u tiġi promossa governanza responsabbli tal-pjattaformi, inkluż għall-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u ċ-ċiberkriminalità u l-fastidju u l-abbuż online abbażi tal-ġeneru ffaċilitati mit-teknoloġija. L-UE ser tippromwovi internet miftuħ, liberu, sigur u interoperabbli inkluż is-salvagwardja tal-pedament tiegħu ta' diversi partijiet ikkonċernati. L-iżgurar li dawn il-prinċipji huma riflessi kif xieraq fil-proċessi li jmiss tan-NU relatati mas-settur diġitali, bħall-Patt Diġitali Globali, u kwalunkwe deċiżjoni dwar qafas ta' governanza globali futur għall-IA ser tkun fost il-prijoritajiet ewlenin tal-UE. Għal dan l-għan, l-UE ser tagħti attenzjoni partikolari lir-rakkomandazzjonijiet tal-Bord ta' Konsulenza ta' Livell Għoli tas-SĠNU dwar l-IA, mhux l-inqas ir-rapport tiegħu qabel is-Summit tal-Futur fl-2024. B'mod parallel, l-UE ser tkompli wkoll il-kooperazzjoni diġitali tagħha fil-qafas tal-Global Gateway, bil-ħsieb li tnaqqas id-distakki diġitali u tippermetti li t-teknoloġiji diġitali, inkluż l-IA, iservu bħala aċċelleraturi għall-kisba tal-SDGs.

26. L-UE ser tappoġġa, tippromwovi u tagħti s-setgħa b'mod attiv lil soċjetà ċivili diversa u indipendenti, li hija pedament ta' soċjetà demokratika. L-UE ser tikkundanna bil-qawwa kwalunkwe forma ta' rappreżalji kontra d-**difensuri tad-drittijiet tal-bniedem** (DDB) u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inkluż dawk li jikkooperaw, ifittxu li jikkooperaw jew li kkooperaw mas-sistema tan-NU, u ser tkompli tippromwovi l-parteċipazzjoni sħiħa u sinifikanti tas-soċjetà ċivili fil-fora kollha tan-NU. L-UE ser tagħti attenzjoni partikolari lir-riskji speċifiċi ffaċċjati minn ċerti kategoriji ta' DDB li spiss iġarrbu diskriminazzjoni, vjolenza u fastidju, kemm online kif ukoll offline, b'mod partikolari DDB nisa, DDB żgħażaġh, DDB relatati mal-ambjent, mal-art u mal-indiġeni, difensuri tad-drittijiet ta' persuni LGBTI, tad-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi nazzjonali, etniċi, reliġjużi u lingwistiċi, u dawk li jiddefendu d-drittijiet tax-xogħol. L-UE ser tkun attur ewlieni fil-promozzjoni ta' ambjent sikur u abilitanti għas-soċjetà ċivili u d-DDB, inkluż dawk attivi fl-eżilju. Ser tagħti attenzjoni speċjali lis-sorveljanza online illegali kif ukoll tikkunsidra miżuri għall-prevenzjoni u l-indirizzar tar-repressjoni tranżnazzjonali, u thegġegħ azzjonijiet fin-NU biex jiġi indirizzat dan il-fenomeni globali dejjem aktar gravi. L-UE ser topponi wkoll il-miżuri legali u amministrattivi li jnaqqsu l-ispazju ċiviku, pereżempju l-ostakli għar-reġistrazzjoni ta' NGOs, restrizzjonijiet fuq l-aċċess għar-riżorsi, regoli onerużi ta' skrutinju u rekwiżiti ta' rappurtar li jkunu ta' piż. L-UE ser taħdem mill-qrib mal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem u mal-Proċeduri Speċjali biex tiżgura li l-ilħna tas-soċjetà ċivili u tad-DDB jinstemgħu.

27. L-UE ser tkompli tippromwovi b'mod vigoruż u żżid l-isforzi għall-**ugwaljanza bejn il-ġeneri**, l-avvanz u t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem kollha min-nisa u l-bniet kollha u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tagħhom, skont l-impenji internazzjonali tagħha, inkluż bl-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-kuntesti tal-pajjiżi u dawk tematiċi. L-UE ser tkompli tippromwovi l-integrazzjoni ta' perspettiva tal-ġeneru f'inizjattivi ta' paċi u sigurtà, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-UNSCR 1325 dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà u rizzoluzzjonijiet sussegwenti, permezz tat-tisħiħ tal-parteċipazzjoni u t-tmexxija sħaħ, ugwali u sinifikanti tan-nisa u l-bniet fil-prevenzjoni u r-rizzoluzzjoni ta' konflitti matul iċ-ċiklu tal-konflitt. L-UE ser tuża kull okkażjoni fil-fora rilevanti kollha biex tkompli twettaq dawn l-impenji, inkluż fil-Kummissjoni dwar l-Istatus tan-Nisa u l-Kummissjoni dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp, u biex tkompli tisħaq fuq il-hteġa ta' approċċ ambizzjuż u trasformattiv biex jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali u l-fatturi tar-riskju tal-inugwaljanza bejn il-ġeneri, id-diskriminazzjoni u l-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet. L-UE ser tkompli tqiegħed il-prevenzjoni u l-eliminazzjoni tal-forom kollha ta' vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru kemm online kif ukoll offline, inkluż il-vjolenza domestika u minn sieħeb intimu, iż-żwieġ tat-tfal, prekoċi u sfurzat, il-mutilazzjoni ġenitali femminili u prattiki dannużi oħra kontra n-nisa u l-bniet, fiċ-ċentru tal-isforzi tagħha. Ser tkompli tippromwovi sinerġiji possibbli mal-proċessi eżistenti fil-qasam, bħall-Forum Ġenerazzjoni Ugwaljanza mmexxi minn UN Women, li fih huma involuti diversi Stati Membri tal-UE. L-UE ser tippromwovi sforzi mis-soċjetà kollha biex tinvolvi lill-irġiel u s-subien bħala alleati u benefiċjarji fi sforzi biex jiġu eliminati l-inugwaljanzi kollha bejn il-ġeneri, jiġu indirizzati l-liġijiet diskriminatorji, jiġu miġġielda n-normi soċjali diskriminatorji u l-istereotipi marbuta mal-ġeneru, u tintemm il-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru. L-UE tfakkar fl-impenn tagħha li tappoġġa l-parteċipazzjoni ugwali, sħiħa, effettiva u sinifikanti tan-nisa u ż-żgħażaġh, fid-diversità kollha tagħhom, inkluż fl-isferi kollha tal-ħajja pubblika u politika, skont il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024. Fil-45 anniversarju tal-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW) u l-25 anniversarju tal-protokoll fakultattiv tagħha, l-UE ser tkompli tippromwovi r-ratifika u l-implimentazzjoni ta' dawn l-istrumenti.

28. L-UE tibqa' impenjata favur il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-realizzazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem kollha u favur l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD) u l-eżiti tal-konferenzi ta' rieżami tagħhom u tibqa' impenjata favur s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (**SRHR**), f'dan il-kuntest. B'dan il-ħsieb, l-UE ttenni l-impenn tagħha favur il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-realizzazzjoni tad-dritt tal-individwi kollha li jkollhom kontroll sħiħ fuq kwistjonijiet relatati mas-sesswalità u s-saħħa sesswali u riproduttiva tagħhom, u li jiddeċiedu b'mod liberu u responsabbli dwarhom, ħielsa mid-diskriminazzjoni, il-koerċizzjoni u l-vjolenza. L-UE tenfasizza wkoll il-ħtieġa ta' aċċess universali għal informazzjoni u edukazzjoni komprensivi, ta' kwalità u bi prezz li jintlaħaq dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva, inkluż edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità, u servizzi għall-kura tas-saħħa.
29. L-UE ser tkompli topponi bil-qawwa l-forom kollha ta' **diskriminazzjoni**, u ser tintensifika l-azzjoni biex tindirizzahom, b'attenzjoni speċifika għal diversi forom u forom kumulattivi ta' diskriminazzjoni, fosthom abbażi ta' sess, razza, oriġini etnika jew soċjali, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, diżabbiltà, età, orjentazzjoni sesswali u identità tal-ġeneru. L-UE ttenni l-impenn tagħha favur l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, favur id-dritt tal-persuni kollha li jgawdu l-firxa sħiħa ta' drittijiet tal-bniedem u libertajiet fundamentali, u favur il-protezzjoni ta' min jinsab f'sitwazzjonijiet żvantaġġati, vulnerabbli u emarġinati. L-UE ser tafferma mill-ġdid l-impenn qawwi tagħha li tirispetta, tipproteġi u tirrealizza t-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem minn persuni LGBTI u tesprimi t-ħassib tagħha dwar ir-rati allarmanti ta' vjolenza, diskriminazzjoni, u stigmatizzazzjoni kontra persuni LGBTI madwar id-dinja. L-UE ser tinvolvi ruħha fil-mandati tan-NU li jiffukaw fuq il-ġlieda kontra l-vjolenza u kull forma ta' diskriminazzjoni u ser tkompli tappoġġa bis-sħiħ il-ħidma tan-NU b'rabta ma' dan.

30. L-UE ser tibqa' impenjata bis-sħiħ għall-eliminazzjoni tar-**razziżmu**, id-diskriminazzjoni razzjali, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata. L-azzjoni tagħha f'dan il-qasam tibni fuq qafas legali sod, inkluż il-Pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu 2020-2025, li ġie żviluppat matul is-snin, f'konformità mal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali (ICERD), li hija u għandha tibqa' l-bażi ta' azzjoni biex jiġu miġġielda r-razziżmu, id-diskriminazzjoni razzjali, il-ksenofobija, id-diskors ta' mibegħda u l-intolleranza. L-UE ser tkompli t-tradizzjoni twila tagħha ta' involviment attiv u kostruttiv mal-mekkaniżmi kollha tan-NU relatati mar-razziżmu, irrispettivament minn jekk appoġġatx il-ħolqien tal-mekkaniżmu kkonċernat jew le, filwaqt li konsistentement titlob li jiġu razzjonalizzati u ssimplifikati l-mekkaniżmi eżistenti. L-UE ser tkompli tenfasizza l-ħtieġa li jiġu żgurati r-ratifika universali u l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-ICERD, kif ukoll il-ħtieġa li jiġu implimentati d-Dikjarazzjoni u l-Programm ta' Azzjoni ta' Durban. Barra minn hekk, l-UE ser tkompli timpenja ruħha b'mod sinifikanti fin-negozjati ta' abbozz ta' Dikjarazzjoni tan-NU dwar ir-rispett, il-protezzjoni u r-realizzazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem ta' persuni ta' dixxendenza Afrikana.

31. L-UE ser tkompli tiddefendi d-**drittijiet tat-tfal**, filwaqt li tipprijorizza l-protezzjoni tat-tfal minn kull forma ta' vjolenza, l-aċċess universali għal edukazzjoni ta' kwalità u inklużiva, b'attenzjoni partikolari għad-dritt tal-bniet għall-edukazzjoni u dawk f'sitwazzjonijiet żvantaġġati, vulnerabbli u emarġinati, inkluż tfal indiġeni u tfal li jappartjenu għal minoranzi, inkluż minoranzi nazzjonali u etniċi, kif ukoll tfal b'diżabbiltà. L-UE ser tkompli tagħti attenzjoni speċjali lit-tfal affettwati minn konflitt armat u l-prevenzjoni u t-tmim ta' ksur serju kontribom filwaqt li tibni fuq koordinazzjoni msaħħa mal-mekkaniżmi tan-NU u s-sħab. L-UE ser tkompli tieħu azzjoni kontra l-mutilazzjoni ġenitali femminili u ż-żwieġ tat-tfal, prekoċi u sfurzat. L-UE ser tkompli taħdem biex jinqered il-faqar fost it-tfal u l-forom kollha ta' diskriminazzjoni kontra t-tfal. L-UE ser tindirizza d-drittijiet tat-tfal fl-ispazju diġitali sabiex tiggarantixxi esperjenza online sikura għat-tfal kollha, ħielsa minn kwalunkwe forma ta' vjolenza.
32. L-UE ser iżżid l-azzjoni biex tippromwovi t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem mill-**persuni akbar fl-età**. L-UE ser tibqa' impenjata li ssaħħa id-drittijiet tal-bniedem ta' persuni akbar fl-età fl-isferi kollha tal-ħajja, speċjalment fil-kura fit-tul u tappoġġa l-isforzi biex jiġu indirizzati l-etaiżmu u d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età u jissaħħa l-attivitajiet u s-solidarjetà interġenerazzjonali. F'dan ir-rigward, l-UE ser timpenja ruha b'mod sinifikanti mal-Grupp ta' Ħidma Miftuħ tan-NU dwar it-Tixjiħ u tinsab lesta li tikkoopera fil-proċess tal-identifikazzjoni ta' lakuni possibbli fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem ta' persuni akbar fl-età sabiex tindirizzahom bl-aħjar mod.

33. L-UE ser tkompli tippromwovi d-drittijiet tal-**Popli Indiġeni** kif stabbiliti fid-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, u f'dan ir-rigward ser tinvolvi ruħha b'mod attiv fil-fora kollha rilevanti fejn jiġu diskussi d-drittijiet tal-Popli Indiġeni. L-UE ser tkompli tkun involuta b'mod attiv f'kull sforz biex tittejjeb il-parteeċipazzjoni sħiħa, effettiva u sinifikanti tar-rappreżentanti u l-istituzzjonijiet tal-Popli Indiġeni fil-korpi rilevanti tan-Nazzjonijiet Uniti, inkluż il-laqgħat tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem, fuq kwistjonijiet li jaffettwawhom. L-UE ser tisħaq fuq l-importanza tal-protezzjoni tad-DDB Indiġeni inkluż fil-kuntest tal-art u r-riżorsi naturali u l-protezzjoni tal-ambjent, il-bijodiversità u l-klima, u li jiġi żgurat li jkunu jistgħu jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem mingħajr biża' ta' rappreżalji. L-UE ser tippromwovi l-parteeċipazzjoni sħiħa, effettiva u sinifikanti u l-kapaċità ta' tmexxija tan-nisa indiġeni. L-UE ser tissottolinja l-importanza li t-tfal indiġeni jingħataw aċċess għall-edukazzjoni bil-lingwa u l-kultura tagħhom stess.
34. Id-difiża tad-drittijiet tal-persuni li jagħmlu parti minn **minoranzi** hija essenzjali. L-UE ser tkompli tappella lill-istati kollha biex jirrispettaw, jipproteġu u jirrealizzaw id-drittijiet tal-bniedem tal-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi kif stabbiliti fid-Dikjarazzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni li jagħmlu parti minn Minoranzi Nazzjonali, Etniċi, Reliġjużi u Lingwistiċi. L-UE ser tippromwovi d-dritt tagħhom li jipparteċipaw b'mod effettiv fil-ħajja kulturali, reliġjuża, soċjali, ekonomika u pubblika. L-UE ser topponi kull forma ta' inċitament għall-vjolenza jew il-mibegħda, u d-diskors ta' mibegħda, online u offline, filwaqt li tippreserva l-artikolazzjoni sħiħa tad-dritt għal-libertà ta' opinjoni u espressjoni. L-UE ser tkompli tindirizza kwistjonijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi fil-fora rilevanti kollha.

35. L-UE ser tkompli tappoġġa miżuri li jindirizzaw l-impatt tat-**tibdil fil-klima**, it-telf tal-bijodiversità, it-tniġġiż u d-degradazzjoni ambjentali fuq it-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem kollha. Approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem huwa kruċjali sabiex jiġi miġġielda b'suċċess dawk il-fenomeni. F'dan ir-rigward, l-UE ser tippromwovi r-rwol importanti tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-qasam tal-ambjent u tad-drittijiet tal-popolazzjonijiet indiġeni. L-UE ser tinvolvi ruħha b'mod attiv f'diskussjonijiet dwar it-tisħiħ tad-dritt tal-bniedem għal ambjent nadif, san u sostenibbli, u tippromwovi l-inklużjoni u n-nondiskriminazzjoni f'dan il-kuntest. L-UE ser tinvolvi ruħha b'mod attiv rigward ir-risoluzzjonijiet tan-NU dwar ir-rabta bejn id-drittijiet tal-bniedem, il-klima u l-ambjent, inkluż fid-dawl tal-eżiti tal-COP 28.
36. L-UE ser tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha għall-implimentazzjoni sħiħa tat-tliet dimensjonijiet kollha tal-Aġenda 2030. L-UE ser ittenni l-pożizzjoni tagħha li r-realizzazzjoni sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem kollha għal kulħadd hija prekondizzjoni biex jinkiseb żvilupp inklużiv u sostenibbli. F'dan l-ispirtu, l-UE ser tkompli tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 billi tapplika approċċ għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp li jkun ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li jiġi żgurat li ħadd ma jitħalla lura. Dan l-approċċ jikkontribwixxi għad-**dritt għall-iżvilupp** li għandu l-għerq tiegħu fin-natura universali, indiviżibbli, interrelatata, interdipendenti u ta' rinforz reċiproku tad-drittijiet tal-bniedem kollha, bl-individwi bħala detenturi tad-drittijiet u l-istati bħala dawk responsabbli. Fejn jidħol il-proċess tal-elaborazzjoni ta' strument legalment vinkolanti dwar id-dritt għall-iżvilupp, l-UE ser tkompli tinvolvi ruħha mingħajr ma tippreġudika l-pożizzjoni finali tagħha, sabiex tirrendi l-abbozz tat-test konformi bis-sħiħ mad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem.

37. L-UE ser tkompli tikkoopera mal-OHCHR u mal-Grupp ta' Ħidma tan-NU dwar **in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem** biex tippromwovi l-implimentazzjoni tal-Prinċipji Gwida dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem (UNGPs) tan-NU madwar id-dinja. Ser tkompli tappoġġa l-adozzjoni ta' Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali fl-Istati Membri u f'pajjiżi oħra, u tiżviluppa qafas komprensiv tal-UE għall-implimentazzjoni tal-UNGPs, bl-użu bħala referenza tal-Pjan Direzzjonali tan-NU b'rabta mal-UNGPs għad-deċennju li jmiss ta' negozju u drittijiet tal-bniedem. L-UE ser issaħħaħ l-involviment tagħha fil-fora tan-NU filwaqt li tqis l-iżviluppi leġislattivi u ta' natura oħra fl-UE, speċjalment dawk relatati mad-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva, bħala bażi għal involviment fin-negozjati tan-NU dwar strument legalment vinkolanti bbażat fuq il-kunsens dwar in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem, bil-ħsieb li tissaħħaħ il-protezzjoni tal-vittmi u jinħolqu kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni globali.
38. It-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti u l-kriminalità organizzata huma theddida serja għall-paċi u s-sigurtà. Il-ġlieda kontra t-terroriżmu m'għandhiex tikser id-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali jew id-dritt umanitarju internazzjonali. L-UE tappella lill-istati kollha biex jiżguraw li r-rispons għat-terroriżmu u l-kriminalità organizzata jkun f'konformità sħiħa mad-dritt internazzjonali. L-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' każijiet ta' **terroriżmu** jridu jsiru f'konformità mal-istat tad-dritt u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, u jpoġġu d-drittijiet tal-vittmi fiċ-ċentru.

39. L-UE ser iżżid l-azzjoni biex tiddefendi d-dritt internazzjonali fir-rigward tar-refuġjati, il-persuni spostati f'pajjiżhom u l-migranti, filwaqt li tagħti attenzjoni partikolari lil persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. L-UE ser tkompli toffri opportunitajiet għal perkorsi legali għall-migrazzjoni filwaqt li jiġu rrispettati b'mod sħiħ il-kompetenzi nazzjonali, u tappella lill-istati kollha biex jipprevjenu t-traffikar ta' bnedmin u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' bnedmin, jipproteġu lill-vittmi u jżidu s-sensibilizzazzjoni fost il-vittmi potenzjali, iżommu approċċ reattiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru u li huwa sensittiv għall-bżonnijiet tat-tfal, u jiżguraw il-prosekuzzjoni effettiva tal-awturi ta' dawn ir-reati. L-UE ser tkompli tikkundanna bil-qawwa attakki ibridi ffinanzjati mill-istat, inkluż l-istrumentalizzazzjoni ta' migranti għal finijiet politiċi minn pajjiżi terzi, u taħdem kontra dawn l-attivitajiet, b'rispett sħiħ tad-drittijiet tal-bniedem u d-dritt internazzjonali.
40. L-UE ser tistieden lis-sħab kollha biex **jgħaqqdu l-isforzi biex jiddefendu u javvanzaw id-drittijiet tal-bniedem** globalment u biex jibnu sħubijiet aktar b'saħħithom. L-UE hija konvinta li l-promozzjoni, il-protezzjoni u r-realizzazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem iġibu lill-partijiet ikkonċernati kollha benefiċċji multipli, inkluż fl-iżvilupp sostenibbli, il-paċi u s-sigurtà u l-avvanz ta' soċjetajiet ugwali, diversi, pluralistiċi u inklużivi.
-